

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.5643 – ArcelorMittal/Migłani/JV)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 261/13)

1. Fit-23 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriżi ArcelorMittal Netherlands B.V. kompletament ikkontrollata minn ArcelorMittal S.A. ("ArcelorMittal" – il-Lussemburgu), u mill-familja Migłani tal-Indja jiksbu, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' Uttam Galva Steels Limited ("il-JV"), l-Indja, permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal ArcelorMittal il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' prodotti varji tal-azzar,
- għall-familja Migłani attivitajiet diversi ta' kumpanija holding,
- għall-JV il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' prodotti varji tal-azzar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5643 – ArcelorMittal/Migłani/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.